MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1413/2005

**Pawlu Cachia 194252(M)**

**Vs**

**Roderick Pace 294383(M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Gunju, 2005 fejn gie premess illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq il-Flotta, Gzira nhar il-25 ta' Lulju 2003, meta sehhet kollizjoni bejn il-vettura targata ROD 090 misjuqa mill-konvenut u l-vettura LAA 827 propjeta` ta' l-attur (kopja tar-rapport anness markat (PC 1) u ghalhekk l-istess konvenut qed jintalab ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u sitta u tletin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm336.40) rapprezentanti danni sofferti mill-attur (dokumenti PC2 u PC3). Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontestwalment ipprezentata a tenur tal-Kap.104 tal-

Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut tad-19 ta’ Lulju 2005, li permezz taghha ecceppixxa illi (1) t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi kien l-istess attur responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, (2) lli jsegwi ghalhekk illi ebda danni m’ghandhom jigu likwidati favur l-attur, (3) illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv, (4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi l-konvenut intavola mar-risposta tieghu kontro-talba illi permezz taghha talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-attur ihallas is-somma ta’ mitejn u ghaxar Liri Maltin u erba` centezmi (Lm210.04) jew somma verjuri li tigi likwidata, rapprezentanti danni sofferti mill-konvenut rikonvenjenti fil-vettura propjeta` tieghu ROD 090 b’segwitu` ta’ incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta’ Lulju ’05 fi Fleet Street, Gzira, meta l-attur rikonvenut li kien qed jipprosegwi f’din it-triq bil-vettura tieghu LAA 827, laqat il-vettura tal-konvenut rikonvenjenti li kienet wieqfa. Bl-ispejjez, kontra l-attur rikonvenut.

Ra r-Risposta ta’ l-attur rikonvenzjonat ghall-kontro talba tal-konvenut tal-14 ta’ Ottubru 2005, fejn ecceppixxa illi l-kontro-talba tal-konvenut Roderick Pace ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li l-incident de quo sehh unikament tort, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Roderick Pace u ghalhekk l-iskop tat-talba.

Sema` x-xhieda kollha prodotti mill-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet;

Ra illi fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2006 d-difensuri tal-partijiet qablu illi l-kawza tithalla ghall-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi din il-kawza titratta kollizjoni bejn zewg vetturi; wahda li kienet parkeggjata in parti fuq il-bankina peress illi sidha kien qed inadaffa minn gewwa u vettura ohra li kienet qed tinstaq fi triq *one way*.

Illi PS 513 Anthony Gerada esebixxa r-rapport tal-Pulizija u l-isketch relattiv ghall-incident de quo, (Dok AG1 u AG2), u kkonferma r-rapport bhala kontenenti l-versjonijiet li tawh il-partijiet dak il-hin ta' l-incident. PS 513 jikkonferma illi l-vettura tal-konvenut ROD – 090 kienet ipparkjata fuq il-bankina u fit-triq fejn sehh l-incident, il-parking huwa awtorizzat biss fuq in-naha l-ohra tat-triq, precizament fejn jidhru l-vetturi pparkjati fuq l-iskecth Dok AG2.

L-istess Surgent tal-Pulizija jikkonferma illi fuq il-bankina ma kienx hemm vetturi ohra ipparkjati u li b'vettura ipparkjata fuq il-bankina – huwa possibbli illi vettura tghaddi mit-triq anke jekk hemm vetturi ohra ipparkjati fil-*parking bays* n-naha l-ohra tat-triq de quo.

L-istess Pulizija pero` ma kienx f'posizzjoni illi jghid jekk vettura tghaddix jekk vettura pparkeggjata ikollha mbaghad il-bieba miftuha .

L-attur (fol 29) xehed u kkonferma illi b'vettura parkeggjata fuq il-bankina u ohra man-naha l-ohra tat-triq, il-vettura tieghu setghet tghaddi "*sewwa minn bejn il-vetturi ipparkjati u l-vettura li kien hemm fuq il-bankina*".

Pero` jispjega illi propju kif wasal vicin il-vettura tal-konvenut, "*nfethet il-bieba ta' min kien ipparkjat fuq il-bankina, dahlet fir-rota ta` quddiem tal-vettura tieghi u jiena bid-daqqa mbuttajtu*".

L-attur jghid illi l-konvenut, meta gie biex johrog mill-vettura tieghu, hareg minn naha tal-bieba tieghu milquta, jigifieri minn naha tal-passiggier. Jghid wkoll illi jaf illi l-konvenut kien qed inaddaf il-vettura tieghu minn gewwa u kellu wire diehel fil-vettura li kien gej mid-dar, il-bieb ta' liema jinsab vicin fejn kienet parkeggjata l-vettura.

L-attur jghid illi l-bieba li nfethet ma kienetx imbexxqa jew miftuha u nfethet biss mad-daqqa li tat lill-vettura tieghu.

Finalment l-attur jghid illi huwa ma rax lill-konvenut jaqbez minn seat ghall-iehor biex hareg mill-bieba tal-passiggier, izda rah inehhi l-istereo wara illi saret il-habta.

Il-konvenut, minn naha tieghu jghid (fol 35) illi l-vettura tieghu kienet fuq il-bankina bil-bieba miftuha u kien qieghed in-naha tax-xufier inaddaf n-naha tal-passiggier meta sehhet il-habta. Jghid illi sakemm kien qed inaddaf il-vettura ghaddew vetturi ohra u kellu jhalli l-bieba miftuha peress illi kien qed inaddaf tahtha.

In kontro-ezami, il-konvenut jghid illi l-bieba kienet il-hin kollu miftuha, "*mhux miftuha berah imma mbexxqa*". Mistoqsi jekk meta ghaddiet il-vettura tal-attur, il-bieba nfethitx aktar, il-konvenut jghid "*nghid illi ezatt ezatt ma nafx x'gara*".

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi fir-rapport tal-Pulizija kif esebit minn PS 513 (Dok AG1), il-versjoni tal-konvenut mhux kkontestata hija illi l-bieba tal-passiggier tal-vettura tal-konvenut "*was not properly locked but not open*". Minn naha l-ohra mill-versjoni tal-attur jirrizulta illi dan "*saw car ROD – 090 parked on the pavement…….. and on passing near it he heard a sound and he found that the left door of the said car had opened or was opened from the inside and hit against his car*".

It-Tribunal isib il-versjoni ta' l-attur bhala aktar vero-simili ta' dak li seta` gara u li fuq kollox ikkawza l-incident de quo.

Kinitx il-hin kollu miftuha jew infethitx appuntu fil-hin illi kien ghaddej l-attur ftit jaghmel differenza. Il-konvenut xehed b'dana kollhu illi "*ezatt ezatt ma nafx x'gara*" u dan jimmilita favur it-tezi ta' l-attur li minn naha tieghu spjea b'konvinzjoni kif gara l-incident.

Il-fatti li qed iwasslu lit-Tribunal jiddeciedi favur l-attur ma humiex biss il-kredibilita` ta’ l-attur u li l-versjoni tal-fatti tieghu tidher aktar attendibbli, izda anke l-fatt illi l-konvenut qatt ma messu pparkeggja l-vettura tieghu fuq il-bankina (biex ikun komdu ghalih inaddafa minn gewwa) oltre` l-fatt illi halla l-bieba tal-passiggier miftuha jew fetahha jew infethet lejn nofs it-triq b’ostaklu lejn kull min dak il-hin seta` kien ghaddej – f’dan il-kaz l-attur.

Il-prudenza, jew nuqqas taghha da parti tal-konvenut, illi jipparkeggja l-vettura fuq il-bankina sabiex inaddaf il-vettura wasslet biex mhux biss mblokka l-istess bankina (oltre` l-hsarat li tista` ssirilha !), imma wkoll illi toffri ostaklu fuq it-triq anke jekk qabel ghaddew vetturi ohra – aktar u aktar meta kif irrizulta – fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm vetturi parkeggjati legittimament.

It-Tribunal ihoss illi l-attegjament tal-konvenut, l-imprudenza tieghu u n-nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti (ipparkjar fuq bankina) wasslu ghall-incident de quo – li ghalih allura ghandu jassumi kull responsabilita`.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba mressqa mill-konvenut, u jilqa` l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba oltre` t-talbiet attrici b’dan illi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ tlett mija u sitta u tletin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm336.40) bl-ispejjes ta’ din l-istanza kontra l-konvenut u bl-imghax mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------